

**Brussell, 9 ta' Novembru 2023
(OR. en)**

15255/23

**STATIS 76
ECOFIN 1158
UEM 351**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14563/23
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE tal-2023 kif approvati mil-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) fid-9 ta' Novembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE tal-2023

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

B'segwitu għall-prijoritajiet stipulati fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE ta' Novembru 2022, partikolarment dwar ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM, u b'kont meħud tal-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni 2019-2024, il-Kunsill eżamina mill-ġdid il-progress relatat ma' rekwiżiti ta' informazzjoni fl-UEM, l-istatistika tal-PDE, is-sorveljanza ta' żbilanċi makroekonomiċi u statistika strutturali.

Rispons statistiku għall-kriżijiet

Il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON il-fatt li s-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEĊ) komplew jipprovdu appoġġ statistiku f'waqtu u effettiv għar-rispons tal-UE għall-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON b'mod partikolari l-involvement u l-isforzi tal-Eurostat, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għall-iżvilupp ta' statistika relatata mal-enerġija u l-għoti ta' gwida għal reġistrazzjoni statistika armonizzata ta' miżuri governattivi li jiġġieldu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija.

Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-prijorità għolja ta' statistika f'waqtha dwar l-enerġija, u għalhekk JINKORAĠĠIXXI l-implimentazzjoni rapida u sħiħa tar-Regolament emendat dwar l-Istatistika dwar l-Enerġija. Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-iżvilupp ta' indikaturi ġodda dwar l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, il-fjuwils ġodda u l-ħżin tal-enerġija u JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi emenda ġdida dwar ir-rapportar tal-idroġenu.

Statistika b'rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Patt Ekoloġiku Ewropew

Il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON il-kisbiet tal-Eurostat fir-rigward tal-għoti ta' indikaturi statistiċi u informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-livell tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, kif ukoll il-kontribut tal-Eurostat fir-rieżami volontarju tal-UE, u JINKORAĠĠIXXI lill-Eurostat biex ikompli l-monitoraġġ tal-progress lejn l-SDGs f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

Il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON l-isforzi mwettqa mill-ESS u s-SEBĊ biex jiġu indirizzati d-domandi għal informazzjoni mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istatistika dwar l-enerġija, l-istatistika dwar l-ambjent u l-klima, il-kontijiet ekonomiċi ambjentali, l-istrumenti finanzjarji ekoloġiċi, l-istatistika dwar it-trasport u l-monitoraġġ tal-ekonomija ċirkolari.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-Proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ambjentali Ewropej biex tiġi estiża l-firxa ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali għal moduli ġodda fl-oqsma tal-forestrija, l-ekosistemi, u s-sussidji ambjentali, il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-ESS biex tiżviluppa strateġija aġġornata għall-kontijiet ambjentali għall-perjodu 2024-28, biex tiggwida l-iżviluppi futuri, b'kont meħud tal-ħtiġijiet għal dawk li jfasslu l-politika, il-piż tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-evitar ta' duplikazzjoni tal-ħidma ma' inizjattivi oħra ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Nagħmlu l-qafas legali li jirregola l-istatistika Ewropea adattat għall-futur u niżguraw l-aċċess għad-data għall-kompilazzjoni ta' statistika uffiċjali aktar f'waqtha u aktar dettaljata

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni mmirata tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-utenti għal statistika uffiċjali Ewropea aktar f'waqtha, aktar frekwenti u aktar dettaljata, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi. Il-proposta għandha l-għan li tippermetti lill-awtoritajiet tal-istatistika jisfruttaw il-potenzjal sħiħ ta' teknoloġiji u sorsi diġitali ġodda, b'mod partikolari data miżmuma privatament, billi tippermetti l-użu ta' tagħha għall-istatistika Ewropea u tfittex ukoll li tagħmel l-ESS aktar effiċjenti billi tippromwovi l-kondiviżjoni tad-data u ssaħħaħ il-koordinazzjoni fl-ekosistemi tad-data Ewropej u nazzjonali. Il-Kunsill JAPPREZZA t-tentattivi biex jiġi rregolat legalment l-aċċess għal data miżmuma privatament għal finijiet ta' statistika u jissottolinja l-ħtieġa għal proċeduri trasparenti u sempliċi f'dan ir-rigward, li jkunu konformi mar-regoli attwali tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-Opinjoni tal-BĊE tat-28 ta' Settembru 2023 dwar il-proposta. L-opinjoni għandha l-għan li tapprofondixxi l-kooperazzjoni statistika bejn l-ESS u s-SEBĊ.

Il-Kunsill JISTENNA B'INTERESS u JINKORAĠĠIXXI adożżjoni f'waqtha tar-Regolament emendatorju.

Il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON l-Aġenda ta' Innovazzjoni konġunta tal-ESS, b'firxa ta' proġetti prijoritarji li jisfruttaw teknoloġiji ġodda u sorsi ġodda ta' data. F'dan l-isfond, il-Kunsill ITENNI l-importanza ta' aċċess akbar u sostnut għall-produtturi tal-istatistika uffiċjali għal sorsi ġodda ta' data, b'mod partikolari data miżmuma privatament.

Riżorsi adegwati għall-istatistika uffiċjali

Il-Kunsill ITENNI l-ħtieġa li jiġi żgurat li r-riżorsi umani u finanzjarji jkunu adegwati għall-Eurostat u għall-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Istatistika, biex jiġu indirizzati rekwiżiti ta' data urġenti inkluż dwar it-trasformazzjoni diġitali, it-tranżizzjoni ekoloġika u t-tibdil fil-klima.

Ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2023 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-iżviluppi deskritti fir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2023 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM. B'mod partikolari, il-Kunsill:

JAPPREZZA t-titjib ulterjuri fil-kopertura tal-pajjiż, il-puntwalità, u l-kwalità inġenerali tal-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP).

JISSOTTOLINJA r-rwol importanti tal-IEEP li għadu għaddej bħala bażi għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi fuq perjodu qasir u JISTENNA B'INTERESS aktar progress biex jingħalqu l-lakuni li fadal.

Il-Kunsill JILQA' B'INTERESS l-iżvilupp ta' indiċi ġdid ta' kull xahar tal-produzzjoni tas-servizzi u l-proposta tal-Kummissjoni biex dan jissostitwixxi l-indikatur tal-fatturat tas-servizzi trimestrali attwali bħala IEEP minn April 2024.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-attivitajiet li għaddejjin taħt l-Inizjattiva tal-G-20 dwar Lakuni fid-Data, u b'mod partikolari JINKORAĠĠIXXI l-ħidma li qed titwettaq dwar l-istatistika għat-tibdil fil-klima u dwar il-miżuri distributtivi tal-introjtu, il-konsum u l-ġid tal-unitajiet domestiċi li huma konsistenti mal-aggregati makroekonomiċi.

Statistika għall-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

Il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON il-garanzija tal-kwalità tal-istatistika sottostanti għall-MIP, u JAPPREZZA r-rapport annwali ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-ESS-SEBĊ dwar l-istatistika tal-MIP mill-Eurostat u l-BĊE, FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-azzjonijiet identifikati fih.

Il-Kunsill JENFASIZZA l-importanza ta' qafas ċar, omoġenju u stabbli għat-trattament statistiku ta' data dwar il-finanzi pubbliċi, u JTENNI l-appell tiegħu lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-data statistika kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tal-punt ta' riferiment tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, b'kont meħud ukoll tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar ir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, inkluż data dwar id-dħul tal-gvern fil-forma ta' finanzjament tal-UE, tiġi rrapportata lill-Eurostat, u jissottolinja l-importanza tal-armonizzazzjoni u t-trasparenza ta' tali data.

Statistika dwar il-proprjetà immobbli

Il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON u JINKORAĠĠIXXI l-ħidma kemm tal-ESS kif ukoll tas-SEBĊ biex jittejjbu l-indikaturi tal-proprjetà immobbli kummerċjali.

Statistika tan-negozju

Il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON it-tlestija tal-qafas regolatorju, inkluż ir-regolament dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju (EBS) (Regolament (UE) 2019/2152), ikkomplementat minn 10 atti ta' implimentazzjoni u atti delegati. Il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON statistika ġdida għall-utenti, bħall-produzzjoni ta' servizzi ta' kull xahar, kif ukoll il-kummerè fis-servizzi skont il-modi ta' provvista (MoS) u skont il-karatteristiċi tal-intrapriża (STEC). Il-Kunsill JIRRIKONOXXI li t-titjib fl-istatistika tan-negozju huwa bbażat fuq sorsi ġodda ta' data, inkluż mikrodata dwar l-esportazzjonijiet intra-UE ta' oġġetti skambjati bejn l-Istati Membri, u li jippermetti li jitnaqqas b'mod sostanzjali l-piż tar-rispons fuq l-intrapriżi filwaqt li jinżamm livell tajjeb ta' kwalità.

Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-ESS tiżviluppa aktar l-istatistika dwar il-kontribut tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju lill-ekonomija, id-dizagrezzazzjonijiet reġjonali, l-illinkjar tal-mikrodata u l-kejl ta' intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir.

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI r-risultati miksuba mill-ESS fil-forniment ta' data u indikaturi fil-kuntest tal-Komunikazzjoni dwar id-Deċennju Diġitali, u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' azzjoni tal-ESS. Għal dan l-għan, il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON l-inizjattivi ulterjuri biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet u l-lakuni identifikati tad-data.

Statistika demografika u soċjali

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI n-negozjati li għaddejjin dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni (ESOP) u JILQA' B'SODISFAZZJON il-pubblikazzjoni mill-Eurostat ta' projezzjonijiet fit-tul tal-popolazzjoni f'Marzu 2023.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-proposta reċenti tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-istatistika tas-Suq tax-Xogħol min-Negozji (LMB), u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' statistika f'waqtha dwar l-ispejjeż tax-xogħol. Il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON il-progress li sar mill-ESS dwar ġbir pilota ta' data relatata mal-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali, u JISTENNA B'INTERESS il-pubblikazzjoni tal-ewwel riżultati sa tmiem l-2023.

Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-ESS biex tuża r-rieżami tagħha tal-istatistika dwar is-saħħa li għadu għaddej, bl-objettiv li tivvaluta l-ġbir ta' data eżistenti, il-ħtiġijiet tal-utenti u l-possibiltajiet ta' simplifikazzjoni, biex tmexxi 'l quddiem it-titjib f'din l-istatistika.